KUNSILL LOKALI SANTA VENERA
Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

**4/18**

**Minuti tar-raba' laqgha (kif rinumerata) tat-tmintax il-sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret nhar it-Tnejn 20 ta' Gunju, 2011 fil-bini amministrattiv tal-Kunsill, fil-Kumpless Umberto Colosso, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera.**

**Prezenti:**

Sur Horace J. Anastasi – Sindku
Sur Ronald Briffa – Vici Sindku
Sur Carmel Camilleri – Kunsillier
Sinjura. Mariella Micallef – Kunsilliera
Sur Edwin Formosa - Kunsillier

Joseph M. Formosa – Agent Segretarju Ezekuttiv

**Skuzati:** Sur Stephen Sultana – Kunsillier (imsiefer)

**Assenti:** Sur Cleaven Bugeja - Kunsillier

AGENDA

1. Talba

2. Qari u approvazzjoni tal-minuti. Qari u approvazzjoni tal-minuti tal-Laqgha Pubblika 2011

3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

4. Performance Bonuses tal-iskrivani

5. Aggornament

## 1.0 Talba

Il-laqgha bdiet fil-5.55pm wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri prezenti.

## 2 Qari u approvazjoni tal-minuti

Il-minuti ta' dawn il-laqghat tal-Kunsill kif hawn taht indikati gew mehuda bhala moqrija peress li gew cirkulati ghand il-Kunsillieri kollha qabel il-laqgha.

Il-minuti tal-laqgha li saret fit-22 ta Frar, 2011 (numru 25)

Il-minuti tal-laqgha msejha ghal ta 24 ta Frar, 2011 (numru 26 – ma saritx ghax ma kienx hemm quorum)

Il-minuti tal-laqgha li saret fit 3 ta' Marzu, 2011 (numru 27)

Il-minuti tal-laqgha li saret fil-15 ta' Marzu, 2011 (numru 28T)

Il-minuti tal-laqgha msejha ghal 24 ta Marzu, 2011 (28TT) ma saritx ghax ma kienx hemm quorum)

Il-minuti tal-laqgha li saret fid-29 ta' Marzu, 2011 (numru 28TT)

Il-minuti tal-laqgha li saret fit 28 ta' April, 2011 (rigward il-Financial Statements)

Il-minuti tal-laqgha msejha ghat-3 ta Mejju, 2011 (28TTT ma saritx ghax ma kienx hemm quorum)

Il-minuti tal-laqgha msejha ghal 10 ta' Mejju, 2011 (28TTT ma saritx ghax ma kienx hemm quorum)

Il-minuti tal-laqgha msejha ghas 16 ta' Mejju, 2011 (28TTT ma saritx ghax ma kienx hemm quorum)

Il-minuti tal-laqgha msejha ghas-17 ta' Mejju, 2011 (ma saritx ghax ma kienx hemm quorum)

Il-minuti tal-laqgha li saret fl-24 ta' Mejju, 2011 (28TTT)

Il-minuti tal-laqgha msejha ghal 25 ta Mejju, 2011 (ma saritx ghax ma kienx hemm quorum)

Il-minuti tal-laqgha numru 3 msejha ghat 30 ta' Mejju, 2011 (ma saritx ghax ma kienx hemm quorum)

Il-minuti tal-laqgha numru 2 li saret fit-30 ta' Mejju, 2011 (Dwar skeda ta' Pagamenti)

Il-minuti tal-laqgha numru 3 li saret fit-2 ta' Gunju, 2011

Il-minuti tal-laqgha numru 28TTT msejha ghas-6 ta' Gunju, 2011 (ma saritx ghax ma kienx hemm quorum)

Il-minuti tal-laqgha numru 28TTT li saret fit-13 ta' Gunju, 2011

## Approvazjoni tal-minuti

Il-minuti hawn fuq indikati kollha gew approvati kif prezentati hlief ghall minuti dwar il-laqgha tal-25 ta Mejju, 2011 ghaliex fuq talba tal-Kunsillier Sur Charles Camilleri saret talba dwar korrezjoni li giet milqugha dwar tema 4.03 fil-Pagna 3 fejn sar qbil li ghandu jizdied il-kliem kif gej:

Il-Kunsillier Sur Charles Camilleri qabel mas-Sindku u sostna li l-ispazji dwar l-ipparkjar tal-vetturi ma ghandhomx jitmissu u jekk sejrin jithallew is-sigar ghandu ukoll ikun hemm spazji li minn fuq il-bankina jkun jista' jaghddi siggu tar-roti.

Wara din il-korrezjoni l-minuti tal-laqgha tal-25 ta' Mejju, 2011 gew ukoll approvati.

## 2.01 Affarjiet li tqajmu mill-minuti

Minuti tal-24 ta' Mejju, 2011

## 2.02 Tema 4.03 Affarijiet li jikkalmaw it-traffic, landscapes u soft areas fl-inħawi ta' Triq il-Palazz L-Aħmar, Sta Venera

Triq il-Batterija issir "one way"
-Hrug biss-
Fuq mistoqsija tas-Sur Carmel Camilleri
Il-Kunsill gie infurmat li saret talba lit-TM u qed jistenna twegiba minghand TM dwar dan

**2.03 Tema 7.201 Rizultat tal-interviews dwar l-impjieg ta skrivan/a li saru fid 29 ta Novembru, 2010 u l-impjieg ta' skrivan/a b'sehh mis-6 ta Dicembru, 2010 fi skala 15 mal-Kunsill Lokali Santa Venera. Smiegħ tar-recording.**

Fuq mistoqsija tas-Sur Edwin Formosa il-Kunsill gie infurmat li dan ir-recording ma stamax ghaliex kien hemm xi diffikultajiet teknici u jista' ikun li dan ir-recording thassar jonkella jew ma nxtghelx jew ma tpoggiex fuq il-mejda.

Nota: Il-Kunsillier Sur Carmel Camilleri hareg fis-6.45pm peress li kellu xi impenji urgenti izda peress li kien hemm quorum il-laqgha kompliet.

**Affarijiet li tqajmu mill-minuti tat 13 ta' Gunju, 2011**

**2.04 Tema: Attivita fi Gnien Romeo Romano. Kiri tal-ġnien lill-terzi.**

Dwar il-kiri ta' dan il-Gnien ghall-attivitajiet il-Kunsill ikkonsidra li jintalab hlas ta' €600 u min jikri l-Gnien jiehu hsieb is-sigurta' (Pulizija) u jintrabat li jaghmel tajjeb li jnaddaf u jirrepara ghall kull hsara li tista' issir immedjatament wara li titlesta l-attivita. Dwar l-attivita' tal-Iskawz intlahaq qbil li ghal dina d-darba biss ghandhom jaghtu donazzjoni lill-Kunsill ta' mhux anqas minn €50.

**2.05 Qari u approvazjoni tal-minuti tal-Laqgha Pubblika 2011**

Dawn il-minuti gew mehuda bhala moqrija u approvati kif prezentati.

**2.06 Affarijiet li tqajmu minn dawn il-minuti:**

**2.07 Tema 4.03 – Gnien Romeo Romano inkluz Gonna ta' Casa Leoni.**

Is-Sindku qal li hemm hafna xoghol li ghandu jsir u ghalhekk huwa importanti li l-Kunsillieri kollha ghandhom jahdmu flimkien specjalment il-Kunsillier li ghandu l-Ambjent fid-Dikasteru tieghu.

**2.08 Tema 4.04 Latrina Pubblika fi Triq il-Kbira San Guzepp**

Is-Sindku qal li dan ix-xoghol ghadu sejjer u meta din il-latrina tinfetah tkun wisq ahjar milli kienet qabel izda dan ix-xoghol qed isir mill-haddiema assenjati mill-Kunsill.

**2.09 Tema 4.07 Ilma fi-gwiebi**

Is-Sindku qal li jidher li dawn il-gwiebi fihom l-ilma u qed jigi konsidrat li dan jintuza sewwa ghat-tisqija tal-Gonna ta' Casa Leoni (Gnien Romeo Romano inkluz) u gonna u soft areas ohra f'Santa Venera.

**2.10 Tema 4.11 CCTV Cameras**

Is-Sindku qal li peress li din hija kbira l-Kunsill ghandu jfittex li jsib sponsors li jkunu jistghu jew jaghtu dawn ic-CCTV Cameras b'xejn jew li jiffinanzjawhom huma.

**2.11 Tema 4.15 Xoghol hazin li sar mill-Awtorita' dwar it-Trasport, issa Trasport Malta fi Triq Kanonku Bonnici, Santa Venera.**

Is-Sindku qal li kien sejjer jitlob informazjoni dwar dan il-kuntrattur sabiex isir xoghol mehtieg minghajr ma jhallas ghalihom il-Kunsill peress li suppost dan ix-xoghol ghadu kopert bil-garanzija.

**3.00 Kommunikazjoniet mis-Sindku**

3.01 Talba sabiex il-Kunsill jaghmel pagament ta €80 dwar danni mitluba mis-Sur Victor Cilia dwar hsara fit-tyre li qed jallega li saret waqt li kien qed isuq f'Misrah il-Barrieri nhar l-14 ta Dicembru, 2010

Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar din it-talba u wara deliberazzjoni l-Kunsill qabel li din it-talba ghall hlas ta €80 ghandha tigi michuda peress ir-rapport mhux car bizejjed u evidenza li fil-fatt il-hsara fit-tyre sehhet fil-post indikat ma gietxipprezentata.

3.02 Talba sabiex isiru yellow lines quddiem il-Pet Shop, JR Petshop 306, St Joseph High Street, Santa Venera sabiex vannijiet u trakkijiet zghar ikunu jistghu jabbu minn quddiem il-hanut u mhux jizgombraw nofs it-triq.

Fuq proposta tas-Sindku il-Kunsill qabel li jibghat din it-talba ghall konsiderazjoni u approvazjoni ta TM.

3.03 Talba sabiex tigi organizzata serata ta' Ghana fil-hanut Barun Snack Bar, 1, Cannon Road Santa Venera fit-28 ta' Gunju, 2011 bejn 7.00pm – 11.00pm. Il-Kunsill qabel ma din it-talba soggett ghal osservanza tal-ligi.

**3.04 Parti kbira minn Misrah Santa Venera issir Pedonali.**

Is-Sindku qal li qed jigi konsidrat li l-fondi li fil-prezent hemm fil-Urban Improvement Fund (UIF) li jlahqu ghas-somma ta' xi €51,000 jintuzaw sabiex parti kbira minn Misrah Santa Venera issir pedonali u li dan jikkombacja' sewwa mal-progett fil-qrib li sejjer isir flimkien mal-Awtorita tad-Djar fl-istess inhawi dwar il-Binjiet fil-qasam tad-Djar li jinsab fil-qrib.

Il-Kunsill qabel li jkompli fuq din il-linja u li fi zmien opportun jikseb u jara pjanti dwar it-twettiq ta' dan il-progett.

**3.05 Hajt li kien tela' wara hruq fl-istabiliment ta Francis Busuttil & Sons fi Triq Misrah il-Barrieri, Santa Venera.**

Is-Sindku qal li dan il-hajt barra li jaghti dehra kerha, huwa ukoll fi stat ferm perikoluz u li jista' jaqa u jaghmel stragi.

Il-Kunsill qabel li jibghat ghad dirigenti ta Francis Busuttil & Sons sabiex mill-aktar fis possibli jirremedjaw sewwa dwar dan u jaghmlu dak kollu possibli sabiex inehhu l-periklu u ma jhallux kemm l-ostaklu kif ukoll din id-dehra kerha li qed tkerrah l-ambjent.

**3.06 Talba tas-Sur Vincent Mercieca, persuna bi bzonnijiet specjali (Blue Sticker), Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera**

Talab li jipparkja l-vettura tieghu vertikali taht l-Akwidott u li dan huwa kaz simili bhal tas-Sinj. Moira Pizzuto li hija gara tieghu.

Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar din it-talba u l-Kunsill qabel li jinforma lit-TM sabiex jikkonsidra t-talba u li tawtorizza lill-Kunsill skond kif ikun approvat mit-TM

**3.07 Bandieri fuq ir-roundabout ewlenija fit-tarf ta' Triq il-Kbira San Guzepp Santa Venera**

Is-Sindku spjega li dan l-ahhar ra dawn il-bandieri fuq din ir-roundabourt u hassu sorpriz dwar li dawn tpoggew minghajr ebda permess tal-Kunsill ta Santa Venera.

Saret diskusjoni fejn gie stabbilit illi dawn tpoggew minn xi nies li jiehdu hsieb l-armar tal-festi u li ma kienux konxji li hemm xi htiega ta' xi permess.

Il-Kunsill qabel li ghandha tinzamm il-procedura li qabel ma wiehed jidhol fuq proprjeta fil-konfini ta Santa Venera sabiex iwahhal kull oggett, dan ghandu jinforma lill-Kunsill u jikseb il-permess tal-Kunsill skond kif ikun il-kaz.
Ic-cermen tal-Kumitat Amministrattiv wieghed li se jiccekja dwar dan.

**3.08 Librerija Pubblika u toilets ghal-pubbliku fil-Gnien Romeo Romano**

Is-Sindku informa lill-Kunsill illi l-periti Med Developers Designers and Consultants Ltd ghamlu pjanti (bla ebda hlas) ghall uzu tal-Kunsill sabiex jipprocedi bl-applikazjonijiet mehtiega.

Il-Kunsill qabel li jipprocedi bl-applikazjoni mal-MEPA u li jaghmel dak kollu mehtieg sabiex jikseb il-permessi mehtiega dwar dan il-progett.

**3.09 Programm tal-Kunsill dwar il-Festa ta Santa Venera li sejra tigi celebrata fil-31 ta Lulju, 2011**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien qed jipprepara dwar dan il-programm sabiex bhal snin ohra l-Kunsill jiccelebra l-festa tal-Padruna Santa Venera.

Sibt / Hadd 23 u 24 ta Lulju, 2011 – Jigi l-Bank tad-Demm gewwa Santa Venera

Il-Hadd 24 ta' Lulju, 2011 – Ikun hemm it-Tberik tal-bhejjem u Pets

Festin – li ghalih sejrin ikunu mistiedna madwar 160 u (dan minbarra l-Kunsillieri) li sejjer isir nhar l-Erbgha 27 ta Lulju, 2011 fit-8.00pm

Saret diskusjoni dwar l-approvazjoni ta' infieq ghall-festini kif awtorizati u gie stabbilit li dan il-festin jista jigi finanzjat mill-Kunsill sakemm jinqasmu l-fondi allokati li l-Kunsill jista jonfoq dwar Jum Santa Venera skond Memo No 122/2010 (kopja annessa ma dawn il-minuti).

Il-Kunsill qabel li jalloka s-somma ta mhux aktar minn <u>€1600</u> ghall dan il-festin u spejjez ohra marbuta ma dan il-programm.

Dwar il-catering il-Kunsill qabel li jinkisbu 3 quotations u li jintghazel l-irhas caterer u li jkun jista jaqdi l-ahjar il-htigijiet tal-Kunsill. Ix-xorb jinxtara mill-Kunsill separament.

**4.0 Performance Bonuses tal-iskrivani**

Posposta ghal laqgha li jmiss.

**5.00 Aggornament**

Peress li kien qed jaghfas il-hin il-laqgha waqfet fit-8.10pm bi qbil tal-Kunsillieri prezenti u aggornata ghas-7 ta' Lulju, 2011 sabiex tkompli fuq l-istess agenda kif diga giet cirkulata.

Joseph M. Formosa
Agent Segretarju Ezekuttiv

Horace J. Anastasi
Sindku